# KUNSILL LOKALI l-GĦARB

## Rapport Annwali Amministrattiv

## Jannar—Diċembru 2012

*Il-Werrej*

**Ittra tas-Sindku**
**Pagna 1-2**

**Il-Kunsill**
**Pagna 3**

**L-Arei ta' attivita' tal-Kunsill**
**Pagna 4-6**

**Varjazzjonijiet fid-Dhul u l-Infiq**
**Pagni 7-9**

## 1.0 Ittra tas-Sindku

Huwa ta' pjaċir tassew kbir għalija li għal darb oħra wara l-elezzjonijiet ta' Marzu 2013 qed nerġa nirraprezenta lill-poplu ta' l-Gharb u qed naghti dan ir-rendikont f'eghluq is-sena ta' hidma tal-Kunsill 2012.

Meta nħares lura, partikolarment lejn is-snin li ilni Sindku, nieħu sodisfazzjon kbir bil-ħidma li kienet tinkorpora lil kulħadd u nenfasizza li ħadd ma kien eskluż. Il-lokalita' tagħna mxiet 'il quddiem u llum nistgħu ngħidu li lħaqna livell ta' għixien li jixraq lilna lkoll. Imxejna 'l quddiem bil-ħidma ta' kulħadd.

Kull wieħed għandu l-opinjoni personali u jħaddan valuri kultant differenti pero m'għandix dubju li l-għan ewlieni jibqa' wieħed li l-lokalita' tagħna iżżomm l-identita' tagħha filwaqt li tiżviluppa u timmiljora. Kultant jittieħdu deċiżjonijiet li ma jinżlux tajjeb ma kulħadd pero d-deċiżjonijiet ma jistgħux jittieħdu b'vantaġġ lejn xi ħadd personali jew xi istituzzjoni jew għaqda, d-deċiżjonijiet iridu jkunu mistħarġa, studjati u fuq kollox konformi mal-liġi.

Il-Kunsill kien miftuh ghal suġġerimenti kostruttivi għaliex dawn iwasslu għal aktar riflessjoni u perfezzjoni. *Matul is-sena għaddejna minn ħidma kontinwa bil-proġetti. Bdejna minn Triq il-Knisja u* tlestiet u beda x-xogħol fuq Triq Dun Alwig Mizzi u Triq Trux il-parti minn kantuniera ma Triq Molina sa l-aħħar bini. Ippjanati li jsiru wkoll Triq Tumas Cassar, Triq San Pietru minn Triq Virtu' sa Pjazza San Pietru, Triq Birbuba u Triq San Dimitri bi spiza ta' €444,000. Minn dawn il-Kunsill ser ikun qed joħrog is-somma ta' €222,000 mill-budget tieghu mifrux fuq numru ta' snin u l-bqija ingħataw mill-Gvern Centrali taħt il-vot tal-PPP.

Proġetti ko finanzjati mill-EU dħalna għal impenn taħt Mizura 323, ippjanajna li nwettqu r-restawr tal-Kappella ta' San Dimitri, Restawr tal-Knisja taz-Zejt flimkien maz-zuntier tagħhom, restawr tal-arkata ta' Sdieri, is-Salib tal-Pjazza u r-restawr/rikostruzzjoni tal-ħitan tas-sejjieħ ta' Triq San Dimitri tul ta' żewġ kilometri u l-ħitan tas-sejjieħ fi Triq Sdieri u Triq taċ-Cimiterju u dan bi spiża ta' €636,021.

Proġett iehor EU kien il-proġett Obimed relatat mat-turiżmu b'investiment ta' €150,000 fejn sar studju fuq tlett temi li huma il-Kavallieri ta' Malta, il-lingwa Ingliża u l-mixjiet fil-kampanja, inxtraw 3 kiosks li waħda tinsab imwaħħla fil-Pjazza prinċipali u tnejn oħra intbagħtu fi Sqallija kif kien ippjanat mill-proġett oriġinali. Ma dan sar ukoll Wi-fi b'xejn bil-possibilita' li wieħed jidħol fuq l-internet b'xejn b'aċċess għalih madwar il-lokalita' kollha. Permezz ta' dan il-proġett il-lokalita' tagħna hija l-ewwel b'dan is-servizz. Sar sit elettroniku fejn qed jippubliċizza l-postijiet ta' akkomodazzjoni fuq sit speċifiku u wieħed jista' jidħol fuqu permezz tas-sit http://www.obimedmalta.com

Is-servizzi mill-Uffiċju tal-Kunsill ma wafqux u komplejna nżidu aktar servizzi fosthom is-servizz tas-Sigurta' Soċjali.

Is-saħħa u l-isport jibqgħu servizzi għal qalbna u barra l-investiment tal-Kunsill qed nieħdu sehem fi skemi tal-Isports u qed noffru fitness courses għat-tfal u għall-adulti. Flimkien ma dan l-investiment bil-parteċipazzjoni tal-ġenituri qed noffru wkoll servizz tat-trasport għat-tfal li jattendu skola primarja u sekondarja u li m'għandhomx aċċess għall-uzu tat-trasport organizzat mid-Dipartiment tal-Edukazzjoni.

Imxejna pass pass mal-inizjattivi favur il-proġett Eko Għawdex. Permezz ta' fondi allokati taħt Eko Għawdex mill-Ministeru għal Għawdex waqqafna Childcare Centre b'investiment ta' madwar €40,000, liema Childcare Centre huwa l-uniku fil-Gżira Għawdxija liċenzjat u mmaniġjat kif suppost. Dan beda jopera f'Awissu 2012.

Seħer il-Punent attivita' li daħlet fil-kalendarju kulturali Nazzjonali ta' kull sena kompliet tikber u żżid il-popolarita' tagħha. Waqt il-festival kellna mistiedna mill-pajjiżi ġemellati sabiex jipparteċipaw u b'hekk *inkunu qed nagħmlu reklam u nesebixxu il-prodott li kapaċi nipproduċu.*

Permezz ta' ftehim mal-WSC sar pavimentar tal-Pjazza ta' ħdejn iċ-Centru. Sar ukoll pavimentar fi Pjazza Gerano u l-installazjoni mill-ġdid tal-funtana. Permezz tal-UIF saru l-bankini ta' Triq il-Knisja flimkien ma lista sħiħa oħra ta' kisbiet finanzjarji li ma tispiċċa qatt.

## 1.0 Ittra tas-Sindku

Bil-għaqal, bi ħsieb, stinkar u kapaċita' ma dawn ser inkunu qed nestendu x-xogħol fuq Triq Trux u Triq Virtu', filwaqt li konna kapaċi nidħlu fi ftehim li l-Ministeru għal Għawdex iwettqu xogħol fuq it-toroq Sdieri u Tumas Cassar.
Bil-għaqal, bi ħsieb, stinkar u kapaċita' ma dawn irnexxilna nkattru u nagħmlu aktar:

Restawr tal-Pjazza prinċipali Pjazza Żjara tal-Madonna u funtana flimkien ma arloġġ tax-xemx li saru attrazzjoni b'investiment ta' €110,000.

Restawr tax-xelter tal-Pjazza b'investiment ta' €21,000.

Restawr ta' l-ewwel fażi tal-faċċata tal-Knisja Parrokkjali flimkien maz-zuntier.

Adventure park fi Triq Tumas Cassar, proġett innovattiv għal Għawdex, b' investiment ta' €300,000.

Sar *upgrade* taċ-Centru Civiku u ċ-Centru tal-Maltapost li minnu issa qed noffru servizzi ġodda fosthom fergħa ta' Bank sabiex jissarfu ċekkijiet fil-kumdita' tal-lokalita' stess €105,000.

Dan kollu seta' jsir permezz ta' dedikazzjoni ta' ħin u xogħol bla ma jaqta' xejn. Ir-riżultat huwa Lokalita' isbah u li tixraq lir-residenti. Irnexxilna ntejbu l-kwalità tal-ħajja u niggarantixxu dan għal generazzjonijiet futuri. Prosit tmur lill-Kunsill kollu lill-Viċi Sindku Raymond Cassar flimkien mal-Kunsilliera Lisa Marie Brooke, Emanuel Muscat u Carmen Vella li flimkien mal-istaff tal-Kunsill ħdimna bla heda sabiex nipprovdu l-aħjar għal-lokalita' tagħna.

Għall-futur għad fadlilna ħafna idejat, entużjażmu u enerġija biex inkomplu naħdmu għal-lokalita' u ghar-residenti kollha. B'kuraġġ inħarsu lejn il-ġejjieni b'tama u b'determinazzjoni biex nagħmlu mil-lokalita' tagħna lokalita' aktar b'saħħitha u ndawwru d-diffikultajiet f'opportunitajiet. Ġa fis-snin li ghaddew dan li qed ngħid irnexxa u sarrafnieh bil-fatti u dan minkejja ċ-ċokon. Konna Kunsill pijuneer fejn ghandu x'jaqsam ma fondi mill-EU.

B'ghaqda bejnietna inkomplu noħolqu u nwettqu inizjattivi, programmi illi jistgħu jgħinu biex fil-lokalita' inkattru l-ġid. Nemmnu li t-tfal, żgħażagħ u kbar, sidien tan-negozji, professjonisti, studenti, membri f'għaqdiet volontarji differenti, għandkom rwol importanti x'toffru lil din il-lokalita'. Flimkien nibqgħu magħquda u fejn nistgħu ningħaqdu aktar biex ma jintilfux opportunitajiet.

David Apap

Sindku

Jannar – Diċembru 2012

| Pożizzjoni | Attendenza | Laqgħa Minn | Laqgħa Sa | Numru ta' Laqgħat |
|---|---|---|---|---|
| **Sindku** | | | | |
| David Apap | 100% | 35 | 45 | 11 |
| **Viċi-Sindku** | | | | |
| Raymond Cassar | 100% | 35 | 45 | 11 |
| **Kunsilliera** | | | | |
| Lisa Marie Brooke | 82% | 35 | 45 | 11 |
| Emanuel Muscat | 100% | 35 | 45 | 11 |
| Carmen Vella | 100% | 35 | 45 | 11 |
| **Impjegati** | | | | |
| Joanne Apap Attard | | | | |
| Emily Amatulli Depasquale | | | | |
| Christina Camenzuli | | | | |

## 3.0 L-arei ta' attivita' tal-Kunsill

**Organizzazzjoni**

Fil-bidu tal-Kunsill il-ġdid il-membri ħadu diversi responsabilitajiet sabiex ikun jista' jiġi faċilitat aktar ix-xogħol tal-Kunsill.



### Attivitajiet Generali

Dan ir-rapport amministrattiv ikopri 12 'il xahar ta' operat tal-Kunsill Lokali l-Gharb minn Jannar sa Dicembru 2012. Matul din is-sena finanzjarja il-Kunsill kien qed jimplimenta diversi progetti fosthom:

Implimentazzjoni tal-ewwel fazi tal-progett tac-Centru Civiku. Fl-ewwel jiem tas-sena il-Kunsill sposta l-Ufficju Amministrattiv tieghu b'mod temporanju biex setghu ikunu konkluzi x-xogholijiet ta' titjib fic-Centru Civiku. L-Ufficju Amministrattiv beda jopera minn gewwa l-ufficini l-godda fi hdan ic-Centru Civiku f'April 2012. Dan kien zmien impenjattiv hafna ghall-amministrazzjoni sabiex seta' jsir l-ispustar u fl-istess waqt jibqghu jighataw is-servizzi minghajr interruzzjonijiet.

Il-progett Gharb's cultural and touristic conservation project taht Mizura 323 progett b'valur ta' €636,020 li kien jinkludi fih 5 investimenti: restawr tal-kappella ta' San Dimitri, restawr tal-kappella taz-Zejt, restawr tas-Salib tal-Pjazza, restawr tal-pont fi Triq Sdieri kif ukoll restawr ta' diversi hitan tas-sejjieh. Il-Kunsill irnexxielu jaghti dimensjoni akbar lil dan il-progett fejn permezz ta' tfaddil minn uhud mill-investimenti l-Kunsill irnexxielu jwettaq ir-restawr tal-Pjazza Zjara tal-Madonna kif ukoll inharget l-offerta' ghall-ewwel fazi tar-restawr tal-faccata tal-Knisja Parrokkjali u z-zuntier. Dan kollu kien jitlob xoghol, attenzjoni u koordinament bejn l-amministrazzjoni u d-diversi *stakeholders* l-ohra tal-progett fosthom l-Awtorita' ta' Gestjoni, il-konsulent tekniku u d-diversi kuntratturi.

Il-Kunsill kien impenjat ukoll fuq il-progett PPP *Road Resurfacing* b'xogholjiet fi Triq il-Knisja u Triq Trux. Permezz ta' ghajnuna minn fondi UIF saru l-bankini fi Triq il-Knijsa u l-pavimentar fi Pjazza Gerano.

Progett iehor li kien qed jigi mplimentat matul l-2012 kien il-progett OBIMED, progett ko-finanzjat mill-Unjoni Ewropea taht il-Programm Italia- Malta u li ghandu l-ghan ahhari li jippromwovi t-turizmu bejn Malta u Sqallija. Matul is-sena gie mwaqqaf is-servizz ta' Wi-fi b'xejn madwar il-lokalita' kollha, giet stallata l-kiosk fil-Pjazza ewlenija kif ukoll gew ikkummissjonati studji dwar rotot u dwar marketing li qed jikkontribwixxu biex flimkien ma' xoghol iehor mill-partners l-ohra tal-progett isiru u jinbieghu l-*ismart boxes*. Matul is-sena saru diversi laqghat u attivitajiet bejn il-partners. Dawn saru kemm Malta kif ukoll gewwa Sqallija. Inzammet ukoll konferenza dwar il-progett ghall-persuni nteressati fil-qasam turistku.

Matul is-sena il-Kunsill beda jahdem ukoll fuq il-progett ta' Leisure Park fi Triq Tumas Cassar, progett iffinanzjat minn Mizura 313 tal-Fond Agrikolu Ewropew ghall-izvilupp Rurali. Matul din is-sena gew imfassla u ppublikati diversi offerti konnessi mal-kostruzzjoni u taghmir ghal dan il-progett.

Fl-istess waqt il-Kunsill kien impenjat b'investimenti ghall-progetti futuri fejn ma naqsux Applikazzjonijiet godda taht diversi skemi kemm dawk imnedija mid-Dipartiment tal-Gvern Lokali, kif ukoll applikazzjonijiet tal-UE. Fost l-ohrajn giet sottomessa applikazzjoni f'Ottubru 2012 taht il-fond ERDF Priority Axis 6. L-applikazzjoni bl-isem Gharb Civic Centre – Improving the Quality of Life of

the Local Community saret sabiex issir it-tieni fazi tal-progett tac-Centru Civiku. Applikazzjoni ohra giet sottomessa f'Awissu 2012 taht il-programm Leader Mizura 413.4 Landscaping bit-titlu Embellishing the rural locality of Gharb. Dawn l-applikazzjonijiet kienu jinvoltu hafna xoghol preparatorju u koordinament mal-Meusac, il-Perit, accountant u diversi persuni ohra li jaghtu l-*input* taghhom biex tali applikazzjonijiet ikunu preparati kif imiss u fil-hin.

Apparti l-progetti nfrastrutturali matul din is-sena l-Kunsill kien impenjat ukoll b'attivitajiet li jarrikkixxu l-kultura tal-lokalita'. Fost l-ohrajn gew organizzati l-Karnival li sfortuntament kellu jigi kkancellat minhabba maltemp, Seher il-Punent, l-Infiorata, Jum l-Gharb, ghall-ewwel darba kuncert fl-okkazjoni tal-festa ta' San Dimitri, diversi hargiet kulturali, kif ukoll diversi attivitajiet ghat-tfal. Fi zmien il-Milied il-Kunsill ha hsieb li tizzejjen il-lokalita' b'tizjin li gie estiz matul Triq il-Knisja kollha.

Flimkien ma' dawn l-attivitajiet gew organizzati wkoll korsijiet edukattivi f'diversi oqsma. Il-Kunsill baqa' jippromwovi il-qasam sportiv bl-organizazzjoni ta' diversi attivitajiet sportivi u klassijiet ta' fitness.

Il-Kunsill ha hsieb izomm lir-residenti nfurmati u aggornati dwar il-hidma u l-inizjattivi tieghu permez tal-avvizi li jitqassmu lir-residenti kollha kull meta jinhass il-bzonn, permezz tal-fuljett Il-Pjazza kif ukoll permezz tal-magazin Lehen il-Punent li kien ippublikat f'Dicembru. Peress li l-Kunsill kien wasal lejn tmien il-legizlatura, bdiet il-hidma wkoll fuq il-magazin li jigbor il-hidma tal-Kunsill matul il-legizlatura kollha.

Ta' min jghid li kienet sena impenjattiva hafna u li tat il-frott mehtieg u sodisfatta li minkejja l-isfidi rnexxilna nilhqu l-miri u r-rizultati mistennija.

Joanne Apap Attard

Segretarju Ezekuttiv

## 4.1 Consolidated Income and Expenditure Variations Schedule

| | a | b | c | a-b/b-a | a-c/c-a |
|---|---|---|---|---|---|
| **DESCRIPTION** | **2012 ACTUAL €** | **2012 BUDGET €** | **2011 ACTUAL €** | **2011 BUDGET VAR €** | **2010-2011 ACTUAL VAR €** |
| **Income** | | | | | |
| Government | 265,095.00 | 1,219,903.90 | 263,866.00 | (954,808.90) | 1,229.00 |
| Bye-laws | 523,789.00 | 35,217.00 | 33,617.00 | 488,572.00 | 490,172.00 |
| Investment | 479.00 | 440.00 | 612.00 | 39.00 | (133.00) |
| TOTAL | **789,363.00** | **1,255,560.90** | **298,095.00** | **(466,197.90)** | **491,268.00** |
| **Expenditure** | | | | | |
| Personal emoluments | 59,757.00 | 59,507.03 | 56,459.00 | (249.97) | (3,298.00) |
| Operations and maintenance | 660,112.00 | 742,084.98 | 198,665.00 | 81,972.98 | (461,447.00) |
| Capital Expenditure | 336,916.00 | 320,048.15 | 186,171.00 | (16,867.85) | (150,745.00) |
| TOTAL | **1,056,785.00** | **1,121,640.16** | **441,295.00** | **64,855.16** | **(615,490.00)** |
| **Balance** | **(267,422.00)** | **133,920.74** | **(143,200.00)** | **(531,053.06)** | **(124,222.00)** |

## 4.2 Detailed Income Variations Schedule

| | a | b | c | a-b | a-c |
|---|---|---|---|---|---|
| **DESCRIPTION** | **2012 ACTUAL €** | **2012 BUDGET €** | **2011 ACTUAL €** | **2011 BUDGET VAR €** | **2010-2011 ACTUAL VAR €** |
| **Income** | | | | | |
| Government | | | | | |
| Annual | 207,442.00 | 207,443.00 | 200,768.00 | (1.00) | 6,674.00 |
| Supplementary | | | | | |
| Special needs | | | | | |
| Public/government entities | | | | | |
| Other | 57,653.00 | 1,012,460.90 | 63,098.00 | (954,807.90) | (5,445.00) |
| | **265,095.00** | **1,219,903.90** | **263,866.00** | **(954,808.90)** | **1,229.00** |
| Bye-Laws | | | | | |
| Community Services | | 14,680.00 | | (14,680.00) | |
| Contravention of bye-laws | 532.00 | 2,149.00 | 93.00 | (1,617.00) | 439.00 |
| Contributions and donations | 29,519.00 | 8,069.00 | 12,980.00 | 21,450.00 | 16,539.00 |
| General | 493,738.00 | 10,319.00 | 20,544.00 | 483,419.00 | 473,194.00 |
| | **523,789.00** | **35,217.00** | **33,617.00** | **488,572.00** | **490,172.00** |
| Investment | | | | | |
| Bank interest | 479.00 | 440.00 | 612.00 | 39.00 | (133.00) |
| Government securities | | | | | |
| | **479.00** | **440.00** | **612.00** | **39.00** | **(133.00)** |
| **TOTAL** | **789,363.00** | **1,255,560.90** | **298,095.00** | **(466,197.90)** | **491,268.00** |

## 4.3 Detailed Expenditure Variations Schedule

| | a | b | c | b-a | c-a |
|---|---|---|---|---|---|
| **DESCRIPTION** | **2012 ACTUAL €** | **2012 BUDGET €** | **2011 ACTUAL €** | **2011 BUDGET VAR €** | **2010-2011 ACTUAL VAR €** |
| **Expenditure** | | | | | |
| Personal Emoluments | | | | | |
| Mayor's allowance | 6,539.00 | 6,538.83 | 3,804.00 | (0.17) | (2,735.00) |
| Councillors' Allowance | 6,300.00 | 6,400.00 | 6,380.00 | | |
| Employee salaries and wages | 38,257.00 | 38,257.00 | 37,984.18 | | (272.82) |
| Bonuses | 3,749.70 | 3,749.71 | 3,665.30 | 0.01 | (84.40) |
| Income supplements | 484.52 | 484.52 | 484.52 | | |
| Social Security contributions | 4,426.78 | 3,576.97 | 4,141.00 | (849.81) | (285.78) |
| Allowances | | | | | |
| Overtime | | 500.00 | | 500.00 | |
| | **59,757.00** | **59,507.03** | **56,459.00** | **(349.97)** | **(3,378.00)** |
| *Operations and maintenance* | | | | | |
| Utilities | 11,142.00 | 12,000.00 | 10,336.00 | 858.00 | (806.00) |
| Materials and supplies | 1,427.00 | 2,000.00 | 1,082.00 | 573.00 | (345.00) |
| Repair and upkeep | 415,394.00 | 522,381.98 | 50,802.00 | 106,987.98 | (364,592.00) |
| Rent | 8,812.00 | 12,492.00 | 3,589.00 | 3,680.00 | (5,223.00) |
| International memberships | 728.00 | 550.00 | 440.00 | (178.00) | (288.00) |
| Office services | 7,156.00 | 7,400.00 | 7,376.00 | 244.00 | 220.00 |
| Transport | 8,049.00 | 8,500.00 | 4,846.00 | 451.00 | (3,203.00) |
| Travel | | | 339.00 | | 339.00 |
| Information services | 12,961.00 | 12,238.00 | 10,835.00 | (723.00) | (2,126.00) |
| Contractual services | 132,875.00 | 99,483.00 | 59,395.00 | (33,392.00) | (73,480.00) |
| Professional services | 9,755.00 | 18,050.00 | 5,906.00 | 8,295.00 | (3,849.00) |
| Training | | 500.00 | 60.00 | 500.00 | 60.00 |
| Community and hospitality | 51,813.00 | 45,990.00 | 43,659.00 | (5,823.00) | (8,154.00) |
| Incidental expenses | | 500.00 | | 500.00 | |
| | **660,112.00** | **742,084.98** | **198,665.00** | **81,972.98** | **(461,447.00)** |
| Capital Expenditure | | | | | |
| Acquisition of property | | | | | |
| Construction | 10,859.00 | 33,859.00 | 448.00 | 23,000.00 | (10,411.00) |
| Improvements | 25,138.00 | 23,444.15 | 66.00 | (1,693.85) | (25,072.00) |
| Equipment | | 223.00 | 3,440.00 | 223.00 | 3,440.00 |
| Special programmes | 300,919.00 | 262,522.00 | 182217.00 | (38,397.00) | (118,702.00) |
| | **336,916.00** | **320,048.15** | **186,171.00** | **(16,867.85)** | **(150,745.00)** |
| **TOTAL** | **1,056,785.00** | **1,121,640.16** | **441,295.00** | **64,755.16** | **(615,570.00)** |